## GHAJNEJK DEJJEM JIDHKULI

*Għajnejk dejjem jidħkuli
u kelma xejn minn fommok
Li tgħidli x'għandek f'qalbek
ma nafx x'inhu li jżommok.*

*L-għasfur ġie qalli darba
li qalbek bi marbuta;
ma nafx min rabarħielek,
min bi dik l-għajn misħuta:*

*Min hu li lsienek bikkem,
u saħħrek għal warajh,
ċaħadli l-kliem ta' fommok,
xeħitni taħt saqajk.*

*Urieħ li għadek tħobbni,
li għadek ma nsejtnix,
għax l-ewwel li ħabbejtni,
minn qalbek ma ċħadtnix.*

*Għajnejk dejjem jidħkuli,
għalkemm dak fommok sieket,
għalkemm il-ħsieb ta' mħabbtek
għalija baqa' rieqed.*

*Iżda xi darba l-kelma
għad nisma' jien minn fommok,
li qalbek mbix marbuta,
f'imħabbtek ħadd ma jżommok.*

10.7.1965

A. CREMONA

## GHALIEX?

*Għaliex meta ħabbejtek
qatt ma ridt tħares lejja,
u mort f'ħoġor ħaddieħor
meta jien xtaqtek ħdejja?*

*Għaliex meta kont ċkejkna
tħobb dejjem tilgħab miegħi,
u llum li kbirt dak wiċċek
m'għadux il-hena tiegħi?*

*Għaliex meta kont tifla
imgħannqa miegħi dejjem,
tibki biex tibqa' miegħi,
u miegħi biss titgħejjem?*

*Għaliex meta sirt xbejba
ma bqajtx titgħannaq miegħi,
għalxejn jien xtaqtek ħdejja,
u ħrabt il-ħsara tiegħi?—*

*Għaliex insejt l-imgħoddi,
l-imgħoddi ta' torbitek,
għaliex insejt il-hena,
il-hena ta' tfulitek?—*

*Meta fuq wiċċek xegħlet
ta' qalbek is-sbuħija
u jiena u int tgħaxxaqna
bil-ħajja ta' bla ħtija.*

*Illum li naf kif tbiddlet
il-ħajja ta' żgħożitna,
ma nistagħġibx li nsejtni
fl-imħabba ta' tfulitna.*

27.1.1966

A. CREMONA